KUNSILL LOKALI NADUR

**Minuti tat-tlieta u tletin (33) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**
**L-Ħamis, 11 ta' Mejju, 2017, fis-5.45pm**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Luke Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagh |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

1. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Is-Sindku nforma li l-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar talbet li tigi skużata mil-laqgħa minħabba xogħol. Il-Kunsill approva din it-talba.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-wieħed u tletin laqgħa tal-10 ta' April 2017 u tat-tnejn u tletin laqgħa tas-26 ta' April, ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali.

3. **Kommunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mil-Kunsilliera**

*Ma kien hemm xejn f'dan ir-rigward.*

4. **Korrispondenza**

(5788) Ittra mingħand Direttorat għas-Saħħa Ambjentali rigward – 'Survellance and Monitoring of Aedes Albopictus Mosquito in local towns and villages'.

IFFIRMATA
Eucharist Camilleri
Vici Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(5789) Ittra mingħand Għaqda Armar triq Dicembru 13th rigward kolloborazzjoni f'attivita tal-Festa. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera li din l-attivita' titella' mill-ġdid bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill bl-ammont ta' €600.
(5790) Ittra mingħand l-Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl rigward talba għal Festa. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera li din l-attivita' titella' bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill bl-ammont ta' €400 ghal-PA System.
(5791) Cirk31/2017- Ftehim bejn Awtorita' ta Trasport u l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
(5792) Approvazzjoni tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv mingħand id-Direttur għal Gvern Lokali
(5793) Elezzjoni Generali 2017- Ħatra ta' Agenti mill-Partiti Politici
(5794) E mail mingħand ir-regjun ta' Għawdex rigward – New Finance Project- Survey
(5795) Cirkulari no.10/2017- Immaniggar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-WEEE) migbur mill-Kunsilli Lokali
(5796) Direttiva Nr. 2/2017- Estimi Annwali (Budget) u Rapport Finanzjaru ta' kull kwart (Quarterly Financial Report)
(5797) Cirkulari Nr.11/2017- Irtirar mix-Xogħol minħabba l-Eta Pensjonabbli
(5798) Cirkulari Nr. 27/17- Workshop fuq l-Izvilupp ta' progetti fil-Kuntest tal-izvilupp sostenibbli
(5799) E mail mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Progett Pilota ta' taħrig għal voluntiera li jixtiequ jagħtu kontibut fil-komunita' tagħhom
(5800) E mail mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar 'Light up the night'
(5801) E mail mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Inizjattiva ta' Taħrig: Improving Change and Transition Management Skills – enhancing Civic Society
(5802) E mail minghand EU & International Affairs Unit (Dipartiment ghal Gvern Lokali) swar 60 Million Euro Fund for Youth Employment –EEA & Norway Grants
(5803) E mail mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Elezzjoni Generali 2017- Ħatra ta' Assistenti Kummissjoni
(5804) Cirk31/2017 – Stedina għac-Cerimonja tat-tqassim ta' Flu7s lill-Kunsilli Lokali
(5805) E mail mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Konferenza għas-Segretarji Eżekutttivi- 'Compliance & Concern from the Report by the Auditor General on the workings of Local Government'.
(5806) E mail mingħand il-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Elezzjoni Generali – Uffiċċju fil-Kumpless tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar
(5807) E mail mingħand il-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Elezzjoni Generali 2017 – Nomini ta' Kandidati
(5808) E mail mingħand il-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Elezzjoni Generali 2017– Votazzjoni bikrija

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Eucharist Camilleri | Sue-Ellen Bugeja |
| Vici Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

(5809) E mail mingħand il-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar Elezzjoni Generali 2017- Ħatra ta' Agenti mill-Partiti Politici
(5810) E mail mingħand il-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar 2017 DOC Rates (new Collective Agreement Public Service employees)
(5811) E mail mingħand il-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Elezzjoni Generali – Registru Elettorali ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern
(5812) E mail mingħand il-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Elezzjoni Generali 2017- Dokumenti tal-Votazzjoni f'forma gdida
(5813) E mail mingħand il-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Elezzjoni Generali 2017 – talba biex jingaar id-dokument għall-votazzjoni minn Malta jew Għawdex
(5814) E mail mingħand il-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Elezzjoni Generali 2017 dwar Pubblikazzjoni tar-Registru Elettorali 2017.
(5815) E mail minghand il-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar ħlasijiet ta' Sigurta' Socjali u taxxa mill-Kunsilli Lokali
(5816) E mail mingħand il-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar INVITE- 'Launching of Community Innovation Fund for Loal Councils 16/15/17'.
(5817) E mail mingħand Planning Authority dwar UIF pendenti. Is-Sindku nnota li hemm pendenti l-ammont ta' €67,626.87 sal- 31 ta' Marzu 2017.
(5818) E mail mingħand il-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Elezzjoni Generali 2017 dwar 'Electorial Commission Government Gazette notices'.
(5819) E mail mingħand il-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Elezzjoni Generali 2017- tqassim ta' dokumenti ghall-votazzjoni minn uffiċjali tal-Pulizija
(5820) E mail mingħand il-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Elezzjoni Generali 2017- Id-Dokument tal-Vot
(5821) Ittra mingħand Socjeta Filarmonika Mnarja rigward il-Kuncert Big Band Adventures. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera li din l-attivita' titella' bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill bl-ammont ta' €1,500 li ser tingħata għal din is-sena biss u bil-ftehim li jagħmel diskors is-Sindku ukoll f'din l-okkazzjoni.
(5822) Cirkulari no. 9/2017- Inizjattiva Finanzjarja- Local Government Culture Fund.

## 5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-Pagamenti

Is-Sindku nnota li l-'cash flow' tal-Kunsill qiegħed f'sitwazzjoni sostenibbli. Is-Sindku u s-Segretarja flimkien ma' l-accountant tal-Kunsill tkellmu ma xulxin rigward il-possibilita' li jistghu jinħargu €20,000 fuq l-kont pendenti ta' Gatt Tarmac Ltd tal-PPP. Is-Sindku nnota ukoll li għad fadal li nircievu l-ammont ta' €10,000 fuq l-iskema Progetti Kapitali tal-Pjazza u li din is-sena l-

Kunsill ircieva ukoll l-ammont ta’ €10,000 bhala zona turisitika. Il-Kunsilliera prezenti qablu li Gatt Tarmac Ltd jitħallas l-ammont ta’ €20,000 tal-PPP pendenti. Hawnhekk kien hawn kliem ta’ tifħir għall-amministrazzjoni tal-Kunsill. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata minn dawk kollha preżenti. Dan il-ħin kien hemm prezenti l-accountant tal-Kunsill fejn spjegat lil-Kunsilliera fit-tul il-Quarterly Report Ottubru-Dicembru 2016, Quarterly Report Jan-December 2017, l-Budget 2017 bil-format il-gdid li gie mitlub mid-DLG u r-risposta tal-Management Letter u l-Management Letter. Is-Sindku nnota li l-Management letter turi kif kien hemm improvement kbir f’ħafna affarijiet. Il-Kunsilliera Prezenti approvaw unaniment dawn ir-rapporti u r-risposta tal-Management Letter.

6. **Karnival FECC u Kwotazzjoni PA System**

Is-Sindku nnota li l-Quotations tal- PA System intefew u dawn jeccedu l-budget tal-Kunsill kif ukoll l-ammont stipulat fil-ligi tal-Kunsilli u allura ma gewx rakommandati mill-Bord tal-Evalwazzjoni. Is-Sindku talab approvazzjoni sabiex ix-xogħol jingħata b’direct order lil Jason Mizzi li lest jaħdem b’dawn l-ammonti. DJ jkun hemm Ronald Briffa u scaffolding jintuza tlieta biss minn ta’ Xmun Projects Ltd. Is-Sindku għamel mozzjoni fuq din li l-Kunsill japprova ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni u li jaqgħu iz-zewg offerti skond il-procurement regulations tal-Kunsilli, u fl-istess waqt jagħmel dan ix-xogħol Jason Mizzi . Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri issekonda din il-Mozzjoni u l-kunsilliera l-oħra prezenti kollha qablu ma din il-Mozzjoni. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri irringrazzja lis-Segretarja tal-Kunsill u lis-Segratarju tal-Bord tal-Evalwazzjoni li kollox kien organizzat kif suppost.

Is-Sindku nnota li rigward il-BBQ iltaqa ma l-Għaqda tan-Nar u ser jieħdu hsieb kollox huma nkluz il-preparazzjonijiet, armar u zarmar. Is-Sindku issugerixxa li dawn jieħdu kumpens għas-servizz tagħhom fl-ammont ta’ €500. Ser jinghalqu biss it- toroq tac-centru u Raphael Axiak ser ikun jipprovdi shuttle minn Mgarr u lura. Bhala Marketing tqassmet flyer f’kull dar f’Ghawdex u qed issir kampanja fuq facebook. Is-Sindku kompla jghid li Nicholas Zammit ser jiehu hsieb l-indafa ghal l-ammont ta’ €725 VAT inkluz. Mobile toilets se jatihomlna bi 25euro minflok 30euro u mementos ser naghtuhom minn dawk li fadal tal-Karnival. Il-General Soft Drinks ser jagħtuna sponsor għal soft drinks u ilma. Il-laħam ghal BBQ ser jinxtara mingħand it-tlett butchers tan-Nadur. Il-Prinjolata ser tiswa madwar €250. Il-Kunsilliera qablu ma dan kollu. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issugerixxa li jintalbu l-bandalori tal-Kultura.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Eucharist Camilleri | Sue-Ellen Bugeja |
| Vici Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 7. Mnarja 2017 u Kwotazzjonijiet Mnarja

Kwotazzjoni PA System għal Mnarja 2017 NLC/11/2017- L-orħos kwotazzjoni kienet ta' Cloud 9 li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

Kwotazzjoni tad-Dawl tal-Imnarja 2017 NLC/12/2017- Kien hemm kwotazzjoni waħda ta' Sourcelite li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

Kwotazzjoni tal-Indafa Mnarja 2017 NLC/13/2017- Din il-Kwotazzjoni ma tefaha hadd. Is-Sindku wara tkellem ma xi kuntratturi u ma kien hemm hadd interessat. Wieħed kien interessat imma ma għandux scammel, u allura taqbez il-kwotazzjoni biex jitfaha. Is-Sindku issugerixxa li tinħareg b'tender. Kien hemm qbil fuq dan.

Is-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk rigward il-Wirja Agrarja mmexxux xorta fuq jumejn u bl-istess kobor. Il-Kunsill qabel li titella' xorta fuq jumejn bl-istess kobor. Is-Sindku nnota li bhala rigal jinxtara prodott tradizzjonali minghand Abraham. Is-Sibt ser jkun hemm entertainment il-Greenfields u Mnarja Folk Group. Il-Ħadd ser ikun hemm Benny u Tonia, Cangura Folk Group u Għana Tradizzjonali fi Triq Dicembru 13. L-attivita' tat-tfal il-kwotazzjoni hija dik ta' €730. Fl-Ikla Tradizzjonali ser ikun hemm Spiru Sillato, kantanti tan-Nadur u l-Gozo Boy.

## 8. Materja Oħra

- *Tender Refuse Collection*- Il-Kunsilliera raw dan id-dokument qabel il-laqgħa u kien hemm diskussjoni fuq xi punti. Is-Sindku nnota li dan id-dokument wara ser jintbgħat lid-Dipartiment għal Gvern Lokali biex jigi approvat minn naha tagħhom ukoll qabel jinħareg.

- *No Objection Tables and Chairs*- Is-Sindku ippropona li din iddum valida ghal 6 xhur sabiex il-post ma jibqax riservat għal dejjem u ma jintuzax. Kien hemm qbil fuq dan.

- *Palma fi Triq Duru*-Is-Sindku nnota li Maria Natoli ilha hafna tirraporta fuq din il-Palma u l-Kunsill ghamel s-sapport lil Palma. Il-Kunsill ser jitlob lil ERA sabiex naraw nistghux naqiluha peress li hija ta periklu.

- *Charter* – Is-Sindku nnota li Kannus sejrin Karistu Camilleri, Maria Finger, Carmel Falzon, Silvana Portelli, Raymond Vella, Luke Galea, Nicholas Borg u Jason Formosa. Il-Problema li hemm hija minhabba l-flights ta' Kannus li ma humiex se jigu refunded għalihom meta aħna wgħedna lil partecipanti li se ikunu refunded. Is-Sindku ghamel proposta li l-Kunsill jaghmel refund ta' 75% tat-tickets. Kien hemm qbil fuq dan. Il-

Kwotazzjoni tal-Video tac-Charter ta' 10 minuti hi ta' €1800. Il-Kunsilliera qablu li dan ma jsirx u minflok issir presentation minn xi hadd mir-raħal b'pagament zgħir biex l-ammont tal l-istima jigi ikkumpensat fuq il-flights.

*Bievre* – Is-Sindku nnota li dawn il-flights ser jithallsu minn dawk li ser jattendu u ser immorru Edward Said, Michael Camilleri, Ivan Xuereb, Salvu Xiberras, Peter Ray Said u Paul Mercieca.

- *Cultural Fund 2018-2020- Is*-Sindku nnota li rridu napplikaw sa 28 July 2017 għal programm ta' tlett snin u nistgħu nieħdu massimu ta' 45,000 u allura napplikaw għal 15,000 kull sena.
    i. Pjan Strategiku irid jinkludi:
        i. Programm kulturali għal 3 snin.
        ii. Informazzjoni dwar governanza u management structure.
        iii. Implementation timeline u key milestones.
        iv. Marketing plan.
        v. Budget u financial plan.
        vi. Monitoring u risk assessment plan.

  Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill japplika għal din l-applikazzjoni fuq il-Karnival.

- *Ħarga Mothers' Day fit-22 ta' Mejju*- Is-Sindku nnota li din ma saritx Malta minhabba d-diversi cirkustanzi li nqalgħu bhalissa u se ssir quddiesa Ta' Pinu u ikla fir-restaurant fix-Xlendi. Is-Sindku nnota ukoll li bhas-sena l-oħra tingħata pjanta zgħira li ser tinxtara mingħand l-Għaqda Armar Triq Dicembru 13. Kien hemm qbil fuq dan.

- *Rural Roads M4.3*- Il-Kunsill qabel li nagħmlu applikazzjoni għal fondi fuq Triq Wied Bingemma li ser tinqasam f'zewg partijiet, u Triq Xurdin li magħha ser napplikaw għal Triq Inzul il-Francizi, sal farm tal-baqar. Is-Sindku nnota li l-ewwel priorita ser tkun dik ta' Triq Xurdin u imbagħad dik ta Triq Wied Bingemma. Dik ta Triq Xurdin ma jistax ikolla lqugh għal-ilma, pero dik ta Triq Wied Bingemma ser naraw li jitnaddaf l-gutter li hemm. Is-Sindku kompla jgħid li l-perit ipprovda pjanti u dokumenti minn naha tiegħu u issa qabbadna lil William Sultana jgħinna nimlew l-applikazzjoni u mbagħad noħduha Meusac. Kien hemm qbil fuq dan ukoll.

- *Sħubija fil-Local Action Groups (LAGs)*- Is-Sindku nnota li kien hemm korrispondenza rigward is-Sħubija fil-Local Action Groups (LAGs). Il-Kunsilliera prezenti qablu li din is-Sħubija tal-GAGF għandha titħallas peress li dejjem sibna l-għajnuna tagħhom għall-applikazzjonijiet tal-EU. Is-Segretarja bgħatet talba fuq dan lid-Dipartiment għal Gvern Lokali għal l-approvazzjoni tagħhom ukoll kif gie mitlub fic-Cirkulari no. 19/2016.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Eucharist Camilleri | Sue-Ellen Bugeja |
| Vici Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- *Disinn ta' Pavementar fil-Pjazzetta Dun Martin Camilleri*- Is-Sindku talab lil Perit jaħseb fuq disinn ġdid għal bankini tal-Pjazzetta. Is-Sindku pero nnota li peress li t-tender tal-Perit għada mhux awarded se jitlob lil Perit jieqaf, u nistennew meta jigi approvat il-Perit.

- *Belvedere DC Cocco Palmeri*- Is-Sindku nnota li kien hemm access fuq is-sit u ser titressaq għad-decizzjoni finali. Kien hemm fuq il-post l-avukat tal-Kunsill, il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri u S-Segretarja tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku gibed l-attenzjoni biex jinqatta' l-ħaxix u jiżdied tank taz-zibel.

- *Ħaddiema tal-Community Work Scheme*- Is-Sindku nnota li l-ħaddiem Alex Buttigieg ser jitlaq fuq xewqa tiegħu u ser jibda ħaddiem gdid nhar it-Tnejn li gej, Anthony Buttigieg.

- *Requests:*

i. Talba ghal Temporary Disabled Parking fi Triq Sopu minn Jofy Mainzer – din intbgħatet lil TM. Kien hemm qbil fuq dan.
ii. Talba ghal Double yellow line quddiem Stars and Stripes fi Triq Madonna ta' Lourdes. Il-Kunsill qabel.
iii. Talba għal bozza fi Triq San Gakbu hdejn tal-Maxokk. Kien hemm qbil fuq din peress li hemm id-dlam.
iv. Is-Sindku nnota li trid titranga il-bankina ta quddiem HSBC ghax KNPD qed jigru warajna. Kien hemm qbil li jirranga l-bankina l-Kuntrattur ta' Xmun Projects Ltd b'direct order peress li kien il-kuntrattur tal-Progett tal-Pjazza.
v. Is-Sindku nnota li hemm bzonn ta' tiswija tal-mutur tal-ħaxix ħazin.
vi. Il-Kunsillier Michael Camilleri għamel suggeriment għal bins tal-Klieb madwar in-Nadur. Is-Segretarja ser titlob kwotazzjonijiet fuq dawn.

**9. Il- Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fis-19:45. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 12 ta' Gunju 2017, fil-5:00p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Eucharist Camilleri | Sue-Ellen Bugeja |
| Vici Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Eucharist Camilleri | Sue-Ellen Bugeja |
| Vici Sindku | Segretarja Ezekuttiva |